# Il-Fantażma tal-Mara Mqarba

Albert Marshall

Meta t-trasparenza tal-eżistenza tiegħi
kultant tkanġi fil-lelà
inħossni niddakkar mill-pastell tal-immortalità
li l-elettriċista nittien tas-sala parrokkjali
joħloqli bla ma jaf
meta jixgħelli dawl abjad kiesaħ
bati
fuq bank żlugat battal
f'rokna kiebja ta' palk mitfi

il-bqija
xejn ħlief pretest biex inħoss il-polz ta' ħajti jtektek
u ntaffi ftit mid-delużjoni
mill-għattaparsi ta' ħelsien mis-solitudni
mill-pretensjoni tas-sejbien tal-verità

bdiet tintreħa
l-aħħar tfarfira ġir minn mal-ħitan melħin
tas-salott dekadenti ta' ħajti għasra bl-umdità

issa li daħlet il-għaxwa tar-rebbiegħa
u l-bank ta' fuq il-palk m'għadux battal
issa li telqitni
il-mara mqarba li kienet tilgħab miegħi l-ħaġiet moħġaġa
bir-ritmi tad-djalett
ġiet tinkini minflokha żiffa ħelwa liebsa nudità sajfija
tisseduċini tirreċta mħabbitha mad-dendul kristall ta' *carillon*
għad-dawl ta' qamar muqran

il-buganvillabajdablù
il-kampanelli ġenwini
onesti
l-armonija tan-nifs iterter tal-kristall
ċara daqs il-mantra tat-tgemgim ta' leħen il-mewġa titrambel fiċ-ċagħaq
senswalitajiet sigrieti
qawsalel notturni ta' noti adaġjo
varjopinti

kemm kienu jorkestraw divinament ir-ritmi djalettali tal-mara l-imqarba
ma' dat-terzini rrimati tal-kristall

imma kemm hu giddieb
kemm hu faċċol
il-moviment ċass fis-sema ta' dal-lejl
orkestri siekta
immensità finita
daħqa fil-wiċċ dil-ħlewwa kollha

jirkeb kukkużejt fuq dahar il-ħemda ta' dal-ħsejjes fiergħa
nanu pjanista liebes surtun imranġat
jipprova jirrikrea
kapriċċuż
varjazzjonijiet iddisprati tas-safa żverġnata ta' *claire de lune*

u issa ntefa wkoll id-dawl bati
fuq il-bank żlugat ta' fuq il-palk tas-sala parrokkjali